**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 757/2021**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Mario Xiberras)**

**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**-Vs-**

**KEITH CAMILLERI**

**Illum, 23 ta' Ottubru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **KEITH CAMILLERI**, ta' 40 sena, iben Fabian Camilleri u Giacinta Camilleri nee' Azzopardi mwieled il-Pieta nhar il-25 ta' Awwissu 1981 u residenti 16 Redeemer Triq Karmenu Camilleri, Qormi

detentur bil-karta tal-identita'  bin-numru  0481481 M li tressaq quddiemha akkużat[1] talli:-

1. Nhar il-24 ta' Awwissu 2011 ġewwa Ħal Qormi u/jew f'dawn il-Gżejjer, irrenda ruħu kompliċi billi ta ordni lil ħaddieħor biex jagħmel delitt, u/jew ta' l-għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta jien jaf li kellhom hekk jiġu użati, liema delitt huwa dak ta' ħruq volontarju lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni cioe' lil residenza numru erbgħa u għoxrin (24) Xalun, Triq il-Kbiar, Ħal Qormi, bastiment, vettura, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta hemm ġew ikun hemm persuna fil-waqt tal-ħruq.

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin, u ċirkostanzi, irrenda ruħu kompliċi fir-reat ta' ħsara jew fi tgħarriq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli permezz tal-ħruq u cioe' ħsara fuq il-bieb u l-faċċata ta' residenza bi numru erbgħa u għoxrin (24) Xalun Triq il-Kbira, Ħal-Qormi, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix elfejn u ħames (€2,500)  iżda iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250) għad-dannu ta' Saviour Falzon minn Ħal Qormi u/jew ta' persuni oħra;

Il-Qorti hija ġentilment li f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna l-ħati għall-ħlas, lir-Reġistratur, tal-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li kellhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri .inklużi dawk tal-esperti li jkunu  ġew  maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta hekk kif maħsub f'Artikolu 533 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija tqis lill-imputat Keith Camilleri bħala li hu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

[1] Akkużi ppreżentati u moqrija fl-4 ta' Mejju 2022.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412 C tal-Kap 9  tal -Liġijiet ta' Malta ghas-sigurta' ta' Saviour Falzon, l- familjari tiegħu.

Semgħet lill-imputat iwieġeb mhux ħati[2];

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-1 ta' Ġunju 2023 li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputat sabiex jiġi aġġudikat minnha taħt dak li hemm maħsub:-

(a) Fl-artikoli 42(a)(b)(c)(d)(e), 43, u 316(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 42(a)(b)(c)(d)(e), 43, u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) Fl-artikoli 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat jiddikjara fis-seduta tat-8 ta' Ġunju 2023 li m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja u deċiża minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha li ġew prodotti matul is-smigħ tal-proċeduri;

Rat illi d-difiza permezz ta' dikjarazzjoni reġistrata fil-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar 2023, eżentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq biex jixhdu lil PS 74 Mark Anthony Chetcuti u lil Prof. Alfred Vella biex jikkonfermaw il-kopja legali tar-relazzjoni relattiva tagh

---

[2] Eżami 4 ta' Mejju 2022.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-difiża fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2023;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Il-fatti ta' dan il-każ imorru lura għas-sena 2011 meta fl-24 ta' Awwissu 2011 għall-ħabta tat-3.15 p.m., il-Pulizija ġew infurmati minn PC 1597 Alfred Chetcuti li kien għadu kif arresta persuna ġewwa Triq San Franġisk, Qormi u dan wara li kien telaq jiġri warajh għaliex kien rah jagħti n-nar lill-bieb tar-residenza 24, 'Xalun', Triq il-Kbira, Ħal Qormi. Alfred Chetcuti li dak iż-żmien kien PC 1597, xehed[3] illi fl-24 ta' Awwissu 2011 fit-3.00 p.m. kien qed jaħdem ġewwa *shelter* f'Ħal Qormi u kif tela', ra persuna tidħol taħt ħasira, li kienet nofsha 'l isfel, iġġor speċi ta' liżar. Ra l-ħasira taqbad[4] u l-bieb ukoll ħa n-nar u hu telaq jiġri wara din il-persuna li ħarbet minn fuq il-post. Irnexxielu jaqbad din il-persuna u arrestaha, u jiftakar li din il-persuna kien ċertu Marco jew Mario Baldacchino. Dan ġie konfermat minn PS 1240 Joseph Camilleri li xehed[5] illi hekk kif PC 1597 Alfred Chectuti kien infurmah li kien arresta persuna li kien qabbad bieb ta' residenza, huwa mar fuq il-post u arresta lil Martin Baldacchino.

Il-Pulizija waslu biex arrestaw lill-persuna imputata f'dan il-każ, Keith Camilleri, biss wara li l-imsemmi Martin Baldacchino fil-proċeduri kriminali li ttieħdu kontrih in konnessjoni ma' dan il-ħruq doluż, ammetta l-ħtija tiegħu. Dan billi stqarr lill-Pulizija u in segwitu, bil-ġurament quddiem il-Maġistrat tal-Għassa, li kien imqabbad biex jagħti n-nar lill-bieb tar-residenza fuq imsemmija, fuq ordni tal-istess Keith Camilleri.

[3] Xhieda tad-9 ta' Novembru 2022.
[4] Din tidher fir-ritratti 11 CEA 101, 11 CEA 102 u 11 CEA 105 – Relazzjoni PC6, Duncan Demicoli,Dok. DD1.
[5] Xhieda tal-4 ta' Mejju 2022.

Keith Camilleri ġie mixli quddiem il-Qorti bħala kompliċi fid-delitti ta' ħruq volontarju u ħsara volontarja. Biex il-Qorti tista' tasal biex issib ħtija fl-imputat odjern għall-ħruq doluż li seħħ fl-24 ta' Awwissu 2011 il-Prosekuzzjoni trid iġġib prova fil-grad meħtieġ mil-liġi mhux biss tal-elementi tar-reati li ġew addebitat mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, ċioe' r-reati taħt l-artikoli 316(a) u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, iżda wkoll provi ammissibbli u konklussivi li jistabbilixxu lil hinn minn kull dubju raġjonevoli il-ħtija tal-imputat bħala kompliċi fil-kommissjoni ta' dawn ir-reati.

Il-Qorti tibda biex tosserva li għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat tar-reati li ġie mixli bihom fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi l-imputat mixli quddiemha wettaq ir-reati li qed jiġu addebitat lilu. Hu assodat fil-ġurisprudenza in materja li din iċ-ċertezza trid tkun tkun radikata fi stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha ammissibbli li tifforma parti mill-atti proċesswali u tas-sottomissjonijiet kollha magħmula, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk. Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tigi instawrata f'moħħ il-ġudikant, iċ-ċertezza assoluta u fil-fatt, rarament jiġi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament ġuridiku tagħna huwa biżżejjed għas-sejbien ta' ħtija kriminali, li l-qorti tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova, ċioe' ċ-ċertezza morali, hija l-ogħla *threshold* ta' prova li teżisti fis-sistema ġuridiku tagħna għas-sejbien ta' ħtija għal reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**[6], ġie riaffermat illi l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju, għaliex l-ombra ta' dubju ma jistax jitqies li huwa dubju li huwa

[6] Deciza 5 ta' Dicembru 1997.

dettat mir-raġuni.  Fi kliem iehor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u dejjem bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni[7].

Sabiex tiddetermina jekk dan il-livell probatorju jkun intlaħaq fil-każ partikolari, il-Qorti trid tara wkoll jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bl-applikazzjoni tal-prinċipji li nsibu fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali.

« *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ.  Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.* »[8]

Għall-fini tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda f'każijiet bħal dawn, huma relevanti d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali, fuq imsemmi, li jipprovdu li għal dak li jirrigwarda ix-xhieda ta' persuni imsemmija mill-artikolu 633

---

[7] Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension** (1974 - 2 ALL ER 372), fir-rigward tal-espressjoni *'proof beyond a reasonable doubt'* qal awtorevolment:- *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

[8] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.  Ara wkoll, iktar riċentement, **Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq**, deċiża mill-istess Qorti fl-24.6.2021, fejn intqal:- "*Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Peralta deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal b'sikurezza għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales."*

u mill-artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, id-deċiżjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti. Dan għandu jsir billi jittieħed qies mill-ġudikant tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristiċi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda oħra, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

Iżda, kif ġie ritenut in materja mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[9], mhux kull konflitt fil-provi ghandu neċessarjament iwassal għal-liberazzjoni tal-persuna akkużata għaliex f'każ ta' konflitt fil-provi, «*... il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*».

Inoltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilita` tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċar li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova meħtieġa għas-sejbien ta' ħtija kriminali, jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jistipola li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti biex il-każ jigi ppruvat skont il-liġi. Dan il-prinċipju gie ripetutament riaffermat fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna in materja.

Dawn il-prinċipji serjin jiġu applikati għall-fattispeċje tal-kawża li għandha quddiemha l-Qorti fl-istħarriġ tagħha dwar il-prova tal-ħtija o meno tal-imputat odjern għar-reati li jinsab mixli dwarhom.

Ikkunsidrat;

Issa fil-każ li għandha quddiemha din il-Qorti, l-imputat ġie mixli bħala kompliċi u l-unika prova li nġiebet mill-Prosekuzzjoni li jorbot lill-imputat Keith Camilleri mat-

[9] Deciza 9.7.2003.

twettiq ta' dan id-delitt, m'hu ħadd ħlief l-imsemmi Martin Marco Baldacchino, il-kompliċi fl-istess delitt.

Illi dwar il-valur probatorju tax-xhieda ta' kompliċi, issir referenza ghall-artikolu 639 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

*(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b' kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat.*

Illi indubbjament l-istess pożizzjoni tgħodd wkoll għal din il-Qorti wara li l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi aġġudikat minnha taħt l-artikolu 370(3)(a) tal-Kap. 9 u l-istess imputat iddikjara li m'għandux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja. Dan fis-sens li l-korroborazzjoni tax-xhieda tal-kompliċi mhix meħtiega aktar wara l-introduzzjoni tal-emendi li saru bl-Att XVI tal-2006, iżda l-ġudikant xorta waħda jrid jipproċedi b'dik il-kawtela li l-każ ikun jirrikjedi qabel ma jiġi biex jistrieħ fuq xhieda bħal din biex isejjes sejbien ta' ħtija.

Il-ħsieb tal-leġislatur fir-rigward, bla dubju, jintrabat mal-fatt li l-kompliċi jkollu interess aktar minn ħaddieħor li jfarfar il-ħtija minn fuq spallejh, bil-possibbli tentazzjoni li jesaġera jew jiffrabbrika evidenza biex ikabbar il-ħtija ta' ħaddiehor u jnaqqas tieghu. Dan ma jfissirx li l-Qorti ma għandhiex temmen lil din ix-xhieda fin-nuqqas ta' korroborazzjoni minn xhud ieħor. Għall-kuntrarju, xejn ma jżomm lill-Qorti milli toqgħod fuqha u temminha kif ukoll li ssib ħtija fuqha u fuqha biss anke mingħajr provi oħra, purche' x-xhieda tiġi eżaminata b'kawtela. Għalhekk, jekk m'hemm ebda raġuni kwalsiasi għaliex ix-xhud kompliċi ma għandux jitwemmen wara li jkun ġie evalwat il-komportament tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda u l-konsistenza tal-verzjoni tiegħu ma' verzjonijiet preċedenti tiegħu u provi oħrajn fl-atti proċesswali, ix-xhieda tiegħu ma tistax titwarrab sempliċement għaliex hija x-xhieda ta' kompliċi.

Dan għaliex:-

"*Din hija xhieda permessa bil-ligi, u sta ghall-Qorti li qed tisma' l-kaz li tqis din ix-xhieda fil-kuntest tal-kaz li tkun qed tittratta. Din il-Qorti ma tarax li, bil-fatt biss, li xhieda ta' komplici hija permessa qed jinkiser id-dritt tal-akkuzat ghal smiegh xieraq. Komplici hija persuna li tista' titressaq bhala xhud bhal kull persuna ohra, basta, ovvjament, li l-akkuzat ikollu l-istess possibilita' ta' kontroll jew kontestazzjoni tal-persuna, kif ghandu f'kaz ta' kwalunkwe xhud iehor. Il-ligi trid, fl-artikolu 639(3), li jekk il-kaz kontra akkuzat tkun bazata biss fuq xhieda ta' komplici, min ikun irid jiddeciedi fuq il-htija, iqis dik ix-xhieda b'certa kawtela .... Ma jistax, pero', jinghad li xhieda ta' komplici hija, a priori, mhux permessibbli. Dik hija testimonjanza ta' persuna li, minhabba l-istat taghha ta' komplici, tkun, forsi, taf l-aktar fuq il-kaz, u ma ghandhiex tigi eskluza minhabba f'hekk. Il-principju ta' "equality of arms", ma jkunx gie mittiefes bil-fatt li tali xhieda tkun permessibbli, ghax dan ix-xhud huwa suggett ghall-iskrutinju miz-zewg nahat kif isir fil-kaz ta' kull xhud iehor. Il-kaz li x-xhieda ta' komplici tista' tkun "tainted" minhabba varji cirkostanzi, tista' tinghad fil-konfront ta' kull xhud, u l-Qorti li quddiemha jkun ghaddej il-kaz, hija zgur kompetenti biex tevalwa x-xhieda, tqis l-affidabilita' tax-xhud, u tikkunsidra dik il-prova fid-dawl tal-provi l-ohra tal-kaz.*"[10]

Martin Baldacchino xehed quddiem din il-Qorti fl-4 ta' Mejju 2022, fejn stqarr illi kien ġie kkundannat definittivament dwar id-delitt tal-ħruq ġewwa Ħal Qormi li kien seħħ ħafna żmien qabel, u kien għadu qed jiskonta l-piena ta' priġunerija. Il-fatt li x-xhud kien debitament proċessat b'mod finali għar-rwol tiegħu fid-delitt tal-ħruq volontarju li seħħ fl-24 ta' Awwissu 2011, hu konfermat minn eżami tal-kopji legali tas-sentenzi mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Diċembru 2016 (Dok. ML2) u mill-Qorti tal-Appell Kriminali wara appell mill-Avukat Ġenerali[11], fis-26 ta' Mejju 2021 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Marco Baldacchino** (Dok.

[10] Qorti Civili Prim'Awla (Sede Kostituzzjonal) – **Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa) vs Patrick Spiteri** deciza 25/05/2012 (ref.66/2011)
[11] L-appell interpost mill-akkużat kien ġie rtirat fil-mori tas-smigħ tal-appell.

ML1). Għalhekk ma għandux ikun hemm dubbju illi huwa kien xhud kompetenti u ma kellux jitqies aktar bħala ko-akkużat flimkien mal-imputat billi l-proċeduri fil-konfront tiegħu kienu għaddew in ġudikat.

Fix-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti, Martin Baldacchino qal li fil-ħin meta kkommetta r-reat fl-24 ta' Awwissu 2011, kien taħt l-effett tad-droga. Dakinhar huwa kien iltaqa' mal-imputat ħdejn id-Detox[12] u l-imputat kien ser iwasslu d-dar, iżda dak il-ħin kien qallu biex jaħraq bieb ta' xi residenza f'Ħal Qormi. Keith, l-imputat - li jafu wkoll bil-laqam 'Holy Ghost'[13] - kien wiegħdu xi €500 biex jaħraq dan il-bieb. Kienu għaddew quddiem dan il-bieb bil-karozza tal-imputat fit-triq li tagħti għal ġol-wied u l-imputat indikalu l-bieb. Ħallih fuq il-post u hu tefa' l-petrol li kien hemm ġo landa tas-sapun li l-imputat kien ġabha miegħu fil-karozza, u ta n-nar lill-bieb li l-imputat kien indikalu li kellu jinħaraq. Kif ra li l-bieb kien qabad, telaq jiġri iżda peress li kien taħt l-effett tad-droga ma tantx kellu saħħa u ġie arrestat mill-Pulizija. Xehed ukoll li huwa kien kixef lill-imputat għaliex ma żammx il-wegħda li jħallsu s-somma ta' €500 u minħabba f'hekk, kien għamel disa' xhur arrestat qabel ingħata l-ħelsien mill-arrest. Fisser li dak iż-żmien kien maħkum mill-vizzju tad-droga u kien jieħu *smack*, *coke* kif ukoll pirmli u *methadone* u l-imputat kien immanipolah billi offrielu l-flus biex jagħmel din il-biċċa xogħol, għaliex għall-bqija huwa qatt ma kien għamel affarijiet bħal dawn.

Issa kif ingħad diġa', f'dan il-każ Martin Marco Baldacchino kien inqabad *in flagrante delicti* minn PC 1597 Alfred Chetcuti jagħti n-nar lill-bieb tar-residenza u kien ġie arrestat fuq il-post fejn kien anke nstab *lighter* fuqu dak il-ħin. Huwa minnu li dak iż-żmien la kien stqarr il-ħtija tiegħu għad-delitt u lanqas l-involviment tal-imputat odjern: dan għamlu biss ħames snin wara, permezz ta' stqarrija li rrilaxxa lill-Pulizija fil-15 ta' Novembru 2016 sussegwentement affermata bi stqarrija ġuramentata quddiem Maġistrat fit-18 ta' Novembru 2016 a tenur tal-artikolu 24A(12) u (13) tal-

---

[12] L-imputat fl-istqarrija tiegħu wkoll ikkonferma li jaf lil Martin Baldacchino għaliex meta kien imur jieħu l-mistura tal-methadone Gwardamangia kien jarah hemmhekk.

[13] L-imputat ikkonferma fl-istqarrija tiegħu li dan hu fil-fatt il-laqam tiegħu.

Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta[14]. In segwitu, fl-1 ta' Diċembru 2016 huwa ammetta l-ħtija tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali qabel issejjħu l-ġurati.

Għalkemm għandu jingħad li fih innifsu, it-trapass ta' tant żmien iqanqal il-mistoqsija għaliex ix-xhud ħalla dan iż-żmien kollu jgħaddi mingħajr ma kixef l-involviment tal-imputat odjern bħala l-mandant tiegħu fit-twettiq tal-ħruq doluż - meta seta' indubbjament jislet benefiċċju iktar utili mill-iżvelar ta' dan it-tagħrif lill-Pulizija fi stadju iktar bikri - minn eżami tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-1 ta' Diċembru 2016 (Dok. ML2) jirriżulta illi x-xhud kien ilu ħafna żmien jipprova jagħti xi informazzjoni lill-Pulizija dwar dan id-delitt. Is-Superintendent James Grech ikkonferma fix-xhieda tiegħu illi "*l-avukat ta' Martin Marco Baldacchino kien ilu żmien twil jgħid lill-Qorti li xtaq jitkellem mal-Prosekuzzjoni ħalli jagħti xi informazzjoni*" sa minn meta l-proċeduri kienu għadhom fl-istadju tal-istruttorja. Anthony Portelli, li kien l-Ispettur li kien investiga d-delitt tal-ħruq doluż, ukoll xehed[15] illi Martin Badacchino **mill-għada stess li kien ġie arrestat**, beda jgħid li kien lest li jitkellem.

Kemm hu hekk, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Diċembru 2016 mogħtija fuq ammissjoni ta' ħtija ta' Martin Baldacchino, il-Qorti Kriminali rrimarkat hekk:-

"*Illi preliminarjament, għandu jiġi rilevat illi l-akkużat kien tressaq il-Qorti taħt arrest fis-26 ta' Awwissu 2011. Fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2011 ġie verbalizzat is-segwenti:-*

'L-imputat f'dan l-istadju qed jitlob li jkun jista' jkellem lill-Uffiċjal Prosekutur biex igħinu fl-investigazzjoni ta' dan il-każ. L-Uffiċjal Prosekutur jitlob lill-Qorti awtorizzazzjoni biex ikun jista' jkellem lill-imputat. Il-Qorti tawtorizza lill-Uffiċjal Prosekutur biex ikellem lill-imputat.*'*

---

[14] Dok. LS1, vera kopja tal-proces-verbal u xhieda Superintendent James Grech, 14 ta' Frar 2022.
[15] Xhieda tal-25 ta' Lulju 2022.

*Wieħed kien jistenna li l-Ufficjal Prosekutur isejjaħ lill-imputat. L-Uffiċjal Prosekutur żgur ma kellux ikollu problema dwar dan għaliex l-imputat baqa' taħt arrest preventiv sal-ġurnata tat-28 ta' Mejju 2012.* ***L-Uffiċjal Prosekutur spiċċa li matul il-kors kollu tal-kompilazzjoni qatt ma kellmu. L-Att ta' Akkuża ġie ppreżentat fir-Reġistru ta' din il-Qorti fit-28 ta' Ġunju 2012 u sa dakinhar l-Uffiċjal Prosekutur qatt ma kellem lill-akkużat.*** *Jirriżulta li dan l-inkontru sar fil-ġurnata tal-15 ta' Novembru 2016 mal-Ispettur James Grech u fit-18 ta' Novembru 2016 meta l-akkuzat irrilaxxa stqarrija taħt ġurament lill-Maġistrat tal-Għassa.*" (emfasi ta' din il-Qorti)

Mizmum ferm dan kollu, mhux minnu u din il-Qorti ma tistax taqbel mad-difiża, li Martin Baldacchino semma lill-imputat "*f'daqqa waħda*" u "*wara għaxar snin*". Il-Qorti ma taqbilx lanqas illi meta Martin Baldacchino kixef l-imputat odjern bħala l-mandant tiegħu, kien qed jaġixxi minħabba motivi ulterjuri u speċifikatament, biex jingħoġob mal-Prosekuzzjoni u jikseb xi vantaġġ għalih a skapitu ta' xi kompliċi ieħor diġa' suspettat jew akkużat. Wara kollox, meta kixef lill-imputat, Martin Baldacchino kixef persuna li sadanittant kienet kompletament injota lill-Pulizija in konnessjoni ma' dan id-delitt u ma kienx diġa' arrestat jew akkużat fir-rigward. Inoltre, kif ingħad, huwa kien ilu kwazi mill-bidu nett jitlob formalment għall-permess biex jitkellem mal-Uffiċjal Prosektur dwar l-investigazzjoni u kien żvela dan it-tagħrif minn jeddu meta l-proċeduri kontrih in konnessjoni mal-ħruq doluż li seħħ fl-24 ta' Awwissu 2011 kienu għadhom pendenti, u mhux wara li kien ġie diġa' kundannat u kien qed jistenna deċiżjoni dwar il-piena. Fil-fatt, Martin Baldacchino spiċċa fl-aħħar mill-aħħar jiġi kundannat sitt snin priġunerija għar-rwol tiegħu fid-delitt tal-ħruq doluż **mingħajr ebda temperament fil-piena taħt l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u mingħajr la ntlaħaq u lanqas hemm x'jissuġġerixxi li kien hemm xi tentattiv għal xi patteġġjament mal-Prosekuzzjoni in konnessjoni mal-iżvelar ta' din l-informazzjoni u x-xhieda tiegħu f'proċeduri kontra l-imputat odjern**.

Iktar sinjifkanti minn hekk hu l-fatt illi permezz taż-żewġ stqarrijiet rilaxxati mix-xhud fil-15 ta' Novembru 2016 u fit-18 ta' Novembru 2016, **ix-xhud kien ammetta bla tlaqliq mhux biss il-ħtija tiegħu għal dan id-delitt tal-ħruq doluż iżda wkoll il-**

**ħtija tiegħu għal delitti serji oħrajn konnessi mal-pussess u użu tad-droga illegali u sustanzi projibiti, meta ma jidhrix li dak iż-żmien kien qed jiġi akkużat dwarhom fi proċeduri kriminali** u dan bi preġudizzju manifest għalih innifsu oltre l-perikolu li poġġa ruħu fih.

Lanqas il-fatt illi huwa kien kixef lill-imputat bħala l-mandant tiegħu għaliex ma kienx ħallsu l-flus li wiegħdu, ma jservi biex itappan il-kredibbilita' tal-verżjoni ta' Martin Marco Baldacchino dwar l-involviment tal-imputat fid-delitt tal-ħruq doluż li seħħ fl-24 ta' Awwissu 2011. Il-Qorti tqis illi jekk ix-xhud kellu *an axe to grind* għaliex ma kienx tħallas il-flus imwiegħed lilu, żgur li xejjen kull tama għall-ħlas ta' dan il-kumpens bil-kxif tal-imputat bħala l-mandant tiegħu fit-twettiq tad-delitt. Il-Qorti temmen li huwa kixef lill-imputat odjern għaliex kif qal huwa stess fl-istqarrija tiegħu, iddispjaċih għal dak li kien għamel tant illi ddikjara li kien lest iħallas l-ispejjez biex jissewwew il-ħsarat li għamel bil-ħruq tal-bieb.

Fuq kollox, din il-Qorti setgħet tosserva l-komportament tax-xhud Martin Baldacchino fuq il-pedana tax-xhieda fejn ġie wkoll kontro-eżaminat mid-difiża, u ma riskontrat assolutament xejn li qanqlilha suspett li ma kienx qed jixhed il-verita' u li l-verżjoni tiegħu m'hijiex affidabbli[16]. Tosserva wkoll illi x-xhieda ta' Martin Baldacchino hija konsistenti fl-irqaqat kollha tagħha, kif ukoll pjenament kompatibbli, mal-kontenut tal-istqarrija li huwa kien irrilaxxa lill-Pulizija fil-15 ta' Novembru 2016 kif sussegwentement konfermata bil-ġurament quddiem il-Maġistrat (proces-verbal Dok. LS1), fejn ix-xhud kien identifika wkoll lil Keith Camilleri bħala l-persuna murija lilu fir-ritratt formanti parti mill-istess stqarrija ġuramentata Dok. JG2.

---

[16] "Illi allura meta ma ikunx hemm prova ohra la diretta u lanqas cirkostanzjali li jistghu jitfghu xi dawl fuq l-akkadut, ghandhom rwol rizoluttiv il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibbilita' u attendibilita' f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha "***u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.***' - **Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs. Emanuel Abela**, deciza nhar it-13 ta' Ottubru, 2014, numru 866/2011

Kollox magħdud, u mingħajr ebda ħjiel ta' suspett jew indizzju li x-xhud ma kienx qed jgħid il-verita' u jew li kien motivat biss b'malizzja meta implika lill-imputat odjern f'dan id-delitt, il-Qorti ma temminx li Martin Baldacchino ivvinta jew iffabbrika l-involviment tal-imputat odjern f'dan id-delitt. Għall-kuntrarju, hi temmen lil dan ix-xhud u sejra tqis ix-xhieda tiegħu bħala kredibbli u sejra tagħtiha l-piż li jistħoqqilha bħala prova sħiħa u kompjuta minn kollox daqslikieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.

Ikkunsidrat;

Għalkemm kif diġa' ngħad, il-Prosekuzzjoni ma produċiet ebda xhud jew prova oħra diretta li jorbot lill-imputat odjern mad-delitt in diżamina, ressqet evidenza li turi illi għall-ħabta tal-istess ħin li twettaq dan id-delitt, jew ftit minuti wara li Martin Baldacchino ġie osservat minn PC 1597 Alfred Chetcuti jagħti n-nar lill-bieb tar-residenza ġewwa Triq il-Kbira Ħal Qormi, l-imputat Keith Camilleri kien fl-inħawi ta' Triq il-Kbira Ħal Qormi. Mix-xhieda ta' PS 1240 Joseph Camilleri jirriżulta li Keith Camilleri kien involut f'inċident ma' vettura oħra ġewwa Triq il-Mitħna Ħal Qormi meta kien qed isuq il-vettura tal-għamla Peugeot bin-numru ta' reġistrazzjoni LOU-484. Din il-vettura kienet dak iż-żmien liċenzata f'isem ċertu Roderick Azzopardi iżda jumejn wara l-ħruq, il-liċenza ġiet trasferita f'isem Fabian Camilleri[17], missier l-imputat[18]. Dan l-inċident stradali jirriżulta li seħħ ftit tal-ħin biss qabel tqabbad il-bieb tar-residenza ġewwa Triq il-Kbira, Ħal Qormi, liema ħruq PC 1597 xehed inkonfutabbilment li rah iseħħ fit-3.00 p.m.[19]. Mir-rapport esebit minn PS 1240 Joseph Camilleri[20], jirriżulta li l-Pulizija marru fuq il-post **immedjatament** kif ġew infurmati li kien hemm persuna li kienet weġġgħet f'din il-ħabta u l-vetturi kienu għadhom maħbutin meta waslu fuq il-post. Hemmhekk, Keith Camilleri, li għandu l-

[17] Ara xhieda ta' Dr. Christopher Spiteri, 9 ta' Novembru 2022.

[18] Ara ċertifikat tat-twelid tal-imputat (paġna 11 tal-atti) kif ukoll traskrizzjoni tal-istqarrija tal-istess imputat, Dok. KV1.

[19] Alfred Chetcuti xehed (9 ta' Novembru 2022) li huwa ċert li ra l-persuna jqabbad il-bieb tar-residenza fi Triq il-Kbira Ħal Qormi, fit-3.00 p.m. Ir-rapport dwar l-inċidenti stradali daħal fit-3.03 p.m. fl-24 ta' Awwissu 2011.

[20] Dok. JC2, ara paġna 167 tal-atti.

istess numru tal-karta tal-identita' tal-imputat odjern, 481481M, ġie identifikat bħala x-xufier tal-vettura LOU-484.

Imbagħad, mix-xhieda tal-Ispettur Mario Xiberras jirriżulta li Triq il-Mitħna, Ħal Qormi ċioe' t-triq fejn seħħet il-ħabta awtomobilistika tinsab biss ftit ta' distanza 'l bogħod minn Triq il-Kbira Ħal Qormi fejn seħħ il-ħruq, ċirka kilometru 'l bogħod (Google maps Dok. MX2).

Għalkemm fiha nnifisha u waħedha din l-evidenza ma tipprova xejn, meta tiġi imqiegħda fl-isfond tax-xhieda ta' Martin Marco Baldacchino, turi li **l-imputat Keith Camilleri mhux biss kien qed isuq karozza** (fatt li jikkonforta x-xhieda ta' Martin Baldacchino li l-imputat wasslu quddiem id-dar ġewwa Triq il-Kbira Ħal Qormi b'karozza iżda telaq minn fuq il-post), **iżda kien għaddej fil-viċinanzi tal-istess Triq il-Kbira Ħal Qormi f'parametru ta' ħin li jikkombaċċja mal-ħin li fih seħħ il-ħruq u ġie arrestat l-istess Martin Baldacchino**. Huwa minnu li din l-evidenza ċirkostanzjali m'hijiex konklussiva jew univoka, għaliex wara kollox, l-imputat kien dak iż-żmien qed joqgħod ġewwa Ħal Qormi stess u għalhekk wieħed jista' raġjonevolment jistenna li jkun fl-inħawi fil-belt residenzjali tiegħu fi kwalsiasi ħin tal-ġurnata. Iżda l-Qorti m'hijiex bi ħsiebha tistrieħ fuqha biss bħala bażi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija fl-imputat. Għalhekk, għad illi ma twassal ebda konklużjoni definittiva u lanqas bil-fors il-konklużjoni li l-imputat kien għadu kif telaq minn fuq il-lok tad-delitt wara li wassal lil Martin Baldacchino biex iwettaq dan id-delitt, il-Qorti m'hijiex sejra twarrab din l-evidenza indizzjarja bħala priva minn kwalisasi valur probatorju, għaliex f'kull każ din tissostanzja l-verżjoni ta' Martin Baldacchino li l-imputat kien waslu bil-karozza biss ftit toroq 'il bogħod mill-post fejn, wara ftit tal-ħin, ħabat ma' vettura oħra[21]. Iktar minn hekk iżda, il-Qorti m'hijiex sejra tispekola.

[21] Pollock C.B (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice):- *Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of."* - Ċitat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' Frar 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Freddie Delia et**.

B'hekk, kollox magħdud, il-Qorti hi tal-fehma li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova fil-grad rikjest mil-liġi għal sejbien ta' ħtija kriminali, l-involviment tal-imputat f'dan il-ħruq bħala l-persuna li ta l-ordni lil Martin Baldacchino biex jagħti n-nar lill-bieb tad-dar ġewwa Xalun Triq il-Kbira Ħal Qormi fl-24 ta' Awwissu 2011,.

Ikkunsidrat;

L-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, indika l-artikoli 42 u 316(a) tal-Kap. 9, ċioe' kompliċita' fir-reat li jiġi kommess minn:-

"*Kull min volontarjament jagħti n-nar lil dar, maħżen, ħanut, dar ta' abitazzjoni, bastiment, vettura, baċil jew bini ieħor, għarix, jew xi lok ieħor, meta hemm ġew ikun hemm persuna fil-waqt tal-ħruq, jeħel meta jinsab ħati, ġewwa jkun hemm xi persuna...*"

Imiss għalhekk li jiġi determinat jekk il-Prosekuzzjoni rnexxielhiex tipprova l-ko-eżistenza tal-elementi kollha tar-reat taħt l-imsemmi artikolu tal-liġi.

Mix-xhieda jirriżulta illi b'effett tal-ħruq imwettaq fuq ordni tal-imputat odjern fil-bieb tad-dar 24, Xalum, Triq il-Kbira, Ħal Qormi, inħaraq il-biċċa l-kbira tal-ħasira tal-plastik li kien hemm quddiem il-bieb ta' barra tar-residenza, liema ħasira dak il-ħin kienet imniżżla, u beda tiela' ħafna duħħan mal-faċċata. Parti mill-bieb innifsu wkoll inħaraq bin-nar u ġie skorċjat, u n-nar mess ukoll il-qanpiena ossia intercom[22]. L-injam tal-bieb fuq ġewwa kien imġemmed iżda ma kien hemm ebda ħsara fl-antiporta ta' ġewwa li kien madwar nofs metru 'l bogħod mill-bieb u lanqas ħsara strutturali.

Il-Perit Richard Aquilina, espert maħtur fl-Inkjesta Maġisterjali dwar l-in genere, fir-relazzjoni tiegħu Dok. RA, ikkostata l-ħsarat li ġarrbu l-bieb ta' barra tar-residenza u l-ħasira tal-canvas li kienet tgħatti l-bieb[23]. L-espert ikkonkluda li l-bieb ta' barra

[22] Ara xhieda ta' Saviour Falzon, 14 ta' Frar 2022.
[23] Din il-ħsara tidher fir-ritratti 11 CEA105, 11 CEA 106 u11 CEA 107, Dok. DD1.

għandu jinbidel u bix-xogħol ta' qlugħ u tqegħid b'kollox, dan kellu jiswa €1,600. L-ikbar ħsara li ġarrab il-bieb kien fuq it-tebqa tal-bieb tax-xellug sewwasew fejn, skont kif ġie kostatat mill-Prof. Alfred Vella fir-relazzjoni tiegħu[24], il-persuna li qabbad in-nar poġġa ammont ta' drapp imxarrab fi fjuwil u tah in-nar.

L-espert Prof. Alfred Vella kkostata wkoll illi ma kienx ġie mferra fjuwil likwidu li daħal ġewwa l-post minn taħt il-bieb ta' barra, għaliex il-fjuwil jidher li ntuża biex jixxarrab id-drapp li nstab parzjalment quddiem il-bieb tar-residenza. Madankollu, ftit tal-fjuwil jirriżulta li ppenetra peress li l-bieb kien ftit imġemmed ukoll min-naħa ta' ġewwa. L-istess espert ikkonkluda wkoll li minħabba l-entita' tal-*fire resistance* tal-bieb ta' barra tar-residenza u l-mod kif kien kostruwit, dan il-bieb ma setax jittaqqab bil-ħruq anke jekk intuża ammont iktar sostanzjali ta' fjuwil u fil-fatt, l-fjuwil użat biex jaħraq il-bieb ma kienx kapaċi jwassal sabiex in-nar mibdi fuq il-bieb jippenetra fl-intrata tal-post u jqabbad il-ħwejjeġ kombustibbli li kien hemm fl-istess intrata u l-ħruq tal-ambjenti interni tar-residenza.

Il-Qorti wara li fliet l-atti u l-provi proċesswali tqis li l-elementi kollha kostituttivi ta' dan ir-reat jirriżultaw abbundantement sodisfatti mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni - fosthom PC 1597 Alfred Chetcuti, Martin Baldacchino u r-relazzjonijiet tal-esperti maħturin fl-Inkjesta dwar l-in genere - għaliex jirriżulta illi fl-24 ta' Awwissu 2011 għall-ħabta tat-3.00 p.m. il-bieb tal-fond bl-isem Xalun, 24, Triq il-Kbira, Ħal Qormi ingħata n-nar u effettivament qabad tant illi dan ġarrab ħsarat li minħabba fihom il-bieb kellu jinbidel.

Jirriżulta wkoll illi dan il-fond huwa dar ta' abitazzjoni, fejn dak iż-żmien kienu jabitaw Saviour Falzon, Mary Falzon u George Falzon[25], li fil-ħin tal-ħruq ilkoll kienu ġewwa r-residenza flimkien ma' żewġ ħaddiema li kienu qed jaħdmu dak il-ħin fuq il-bejt tad-dar[26].

---

[24] Paġna 304 *et sequitur* tal-atti proċesswali (Dok. AV).
[25] Ara xhieda ta' Saviour Falzon, 14 ta' Frar 2022, xhieda ta' Mary Falzon u George Falzon, 3 ta' Ottubru 2022.
[26] Ara wkoll xhieda ta' Errol Chircop u David Smith, 9 ta' Ġunju 2022.

Il-Qorti tosserva illi l-prova li n-nar qabbad jew seta' potenzjalment iqabbad l-ambjenti **interni** tal-fond jew jikkaġuna ħsarat strutturali lill-fond, m'hijiex fost l-elementi essenzjali ta' dan ir-reat u l-fatt innifsu li ngħata n-nar lill-bieb ta' dar ta' abitazzjoni, liema bieb effettivament inħaraq, huwa biżżejjed biex jirradika ħtija għal dan ir-reat jekk jiġi ppruvat ukoll li dak il-ħin kien hemm persuna jew persuni ġewwa.

Għall-fini tal-piena, il-paragrafu (a) tal-artikolu 316 tal-Kap. 9 jipprovdi li jekk ebda persuna ma titlef ħajjitha, il-ħati jeħel il-piena ta' priġunerija minn sitt snin sa tnax-il sena **jekk huwa seta' jobsor li f'dak il-waqt hemm ġew kien hemm xi persuna**. Il-Qorti, fil-qies taċ-ċirkostanzi tal-każ, meta anke mir-ritratti tal-faċċata tal-fond huwa evidenti li din mhux biss hija dar ta' abitazzjoni iżda waħda li m'hijiex fi stat dilapidata jew żdingata u iżda miżmuma fi stat esternament tajjeb, wieħed seta' faċilment jobsor li kien hemm persuni hemm ġew fil-ħin tal-ħruq. Dan magħdud il-fatt illi mix-xhieda ta' Martin Baldacchino jirriżulta wkoll illi l-imputat kien wasslu quddiem id-dar huwa stess fejn hu minnufih għadda biex iqabbad in-nar lill-bieb u għalhekk, l-imputat innifsu wkoll seta' jobsor ukoll li ġewwa id-dar kien hemm persuni – għalkemm, għandu jingħad, din il-prova m'hijiex strettament meħtieġa fir-rigward tal-persuna tal-kompliċi in vista ta' dak li jipprovdi l-artikolu 43 tal-Kap. 9[27].

Ikkunsidrat;

Illi kif diġa' ngħad, l-imputat Keith Camilleri ġie mixli b'kompliċita' fid-delitt tal-ħruq volontarju taħt l-artikolu 316(a) tal-Kap. 9.

Il-figura tal-komplici hija ta' "*dak li ghalkemm ma jippartecipax materjalment fis-serqa ... jaghmel xi haga, bi ftehim maghhom, jigifieri jkun hemm il-ftehim minn qabel maghhom, biex jghinhom jew fil-preparazzjoni tas-serqa, jew fit-twettiq tas-serqa, anke min ikun qieghed jghinhom fit-twettiq tas-serqa per ezempju billi joqghod ghassa barra. .... Jew inkella, dejjem bi ftehim maghhom, jew fil-preparazzjoni jew fit-twettiq*

[27] Ċioe' li l-kompliċi f'delitt jeħel il-piena stabbilita għall-awtur Barra minn meta l-liġi tgħid xort'oħra: il-liġi ma tgġid xejn minn dan fil-każ tal-artikolu 316 tal-Kap. 9.

*tas-serqa, jew jghinhom, pero` dejjem bi ftehim minn qabel maghhom, biex wara s-serqa jaharbu, jew biex ma jinqabdux jew biex jiddisponu mir-refurtiva. L-importanti huwa naturalment li jkun hemm il-ftehim minn qabel.*"[28] Mhux neċessarju illi l-kompliċi jkun preżenti fuq ix-xena tad-delitt basta li jkun offra dik l-għajnuna bi ftehim minn qabel.

Huwa ppruvat mix-xhieda ta' Martin Baldacchino li l-kompliċita' tal-imputat f'dan id-delitt hi riskontrabbli fiċ-ċirkostanzi maħsuba fil-paragrafi kollha (a) sa (e) tal-artikolu 42 tal-Kap. 9, sewwasew għaliex tah ordni biex jagħmel id-delitt, ġiegħel li d-delitt isir b'mezz ta' wegħda ta' rigal, wiegħed li wara l-fatt jikkompensah, tah il-mezzi li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt (il-fjuwil li kien ġo landa tal-plastik) u kien jaf li kellhom hekk jiġu użati, u b'hekk xjentement għen lil Martin Baldacchino fil-kommissjoni tad-delitt tal-ħruq volontarju.

Ikkunsidrat;

Illi l-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju, akkuża lill-imputat bħala kompliċi fir-reat taħt l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9.

Għalkemm jirriżulta, effettivament, illi l-imputat kien kompliċi fid-delitt ta' ħruq volontarju, kif appena stabbilit, il-Qorti ma tqisx li tista' tinstab ħtija għar-reat taħt l-Artikolu 325 tal-Kodiċi Kriminali. Dan qed jingħad għaliex għal sejbien ta' ħtija għal dan ir-reat, il-mezzi li jiġu applikati mill-aġent biex jgħarraq jew iħassar ħwejjeġ ħaddieħor, iridu jkunu **xort'oħra** minn dawk imsemmijin fl-artikoli preċedenti tas-Sub-Titolu IV[29], fosthom il-ħruq doluż[30]. Għaldaqstant, l-imputat ma jistax jinstab

---

[28] **Il-Pulizija (Spettur Joseph Mercieca) v. Omissis, Jason Galea**, Qorti tal-Appell Kriminali, deċiża 31 ta' Mejju 2017.

[29] Fuq id-Delitti Kontra s-Sigurta' Pubblika u fuq Ħsarat fil-Proprjeta', tat-Titolu IX (Fuq id-Delitti kontra l-Proprjeta' u kontra s-Sigurta' Pubblika), Taqsima II ta-Ewwel Ktieb.

[30] *".....biex tirrizulta imputazzjoni akkampata fuq l-artikolu 325, il-hsara volontarja trid tkun ir-rizultat ta' xi mezz iehor mhux imsemmi fl-artikoli ta' qabel tal-istess sub-titolu. Invece hawn jirrizulta li l-hsara grat bhala konsegwenza ta' hruq li kkomunika ruhu lill-proprjeta' ta' terzi li kellhom ingenji tal-bahar irmiggjati vicin il-lanca tal-appellant jew li kellhom bini vicin, reat kopert bid-dispozizzjonijiet talartikoli 317 u/jew 318. Ghalhekk l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tibbaza l-htija ghat-tieni imputazzjoni fuq l-artikolu 325 kif jidher li ghamlet fis-sentenza appellata. Jinghad ukoll li l-Avukat Generali, fid-dawl tas-sentenza appena fuq citata, lejalment*

ħati li kkommetta dan ir-reat partikolari meta jinsab ġia' ppruvat li huwa kkommetta r-reat taħt l-Artikolu 316(a) tal-Kap. 9 u instab ħati dwaru.

F'kull każ iżda, jidher li d-difiża għandha raġun li l-azzjoni kriminali dwar ir-reat taħt l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 hija preskritta. Skont l-artikolu 692 tal-Kap. 9, iż-żmien tal-preskrizzjoni għad-delitti ma jibdiex jimxi meta l-ħati ma jkunx magħruf u f'dan il-każ, il-provi juru li l-imputat sar magħruf għall-ewwel darba bħala persuna suspettata bid-delitt, fil-15 ta' Novembru 2016 permezz tal-ewwel stqarrija rilaxxata minn Martin Baldacchino lill-Pulizija. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 688(d), l-azzjoni kriminali għar-reat taħt l-artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 li huwa punibbli bi priġunerija għal żmien tmien xhur sa erbatax-il xahar, taqa' bl-egħluq ta' ħames snin u kienu laqħu għaddew iktar minn ħames snin mill-15 ta' Novembru 2016, sakemm l-imputat ġie notifikat bl-azzjoni kriminali odjerna. Fil-fatt, iċ-ċitazzjoni ġiet ippreżentata fis-6 ta' Diċembru 2021.

Ikkunsidrat;

L-imputat ġie mixli wkoll li huwa reċidiv għall-fini tal-artikolu 49 kif ukoll l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali.

In sostenn ta' dan l-addebitu il-Prosekuzzjoni ressqet bħala xhud lir-Reġistratur tal-Qorti li bil-ġurament tagħha produċiet fl-atti proċesswali kopja awtentikata (bit-timbru tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti li erogat is-sentenza) ta' diversi sentenzi:- (i) sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fil-11 ta' Novembru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Keith Camilleri** fejn il-ħati, Keith Camilleri li għandu l-istess numru tal-karta tal-identita' li għandu l-imputat odjern, 481481M, ġie kkundannat sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin[31] (Dok. SCT1); (ii) sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-9 ta' April 2013 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Keith Camilleri** fejn il-ħati, Keith Camilleri li għandu l-istess numru tal-karta tal-identita' li

*irrimetta ruhu dwar dan l-aggravju, li qed jigi akkolt minn din il-Qorti…"* – **Il-Pulizija vs. Valentine Sciberras** deċiża nhar il-11 ta' Jannar 2007.

[31] Minn din is-sentenza ma ġie interpost ebda appell – xhieda ta' S. Calafato Testa 15 ta' Diċembru 2022.

għandu l-imputat odjern, 481481M, ġie kkundannat tmintax-il xahar priġunerija (Dok. SCT2); (iii) sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-23 ta' Ottubru 2017 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Keith Camilleri** fejn il-ħati, Keith Camilleri li għandu l-istess numru tal-karta tal-identita' li għandu l-imputat odjern, 481481M, ġie kkundannat erbatax-il xahar priġunerija (Dok. SCT3), liema sentenza ġiet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza mogħtija fit-30 ta' Ottubru 2019[32]; (iv) sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-29 ta' Mejju 2008 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Keith Camilleri** fejn il-ħati, Keith Camilleri li għandu l-istess numru tal-karta tal-identita' li għandu l-imputat odjern, 481481M, ġie kkundannat multa ta' €104.85 u priġunerija għal tliet xhur sospiżi għal sentejn (Dok. SCT5).

L-imputat qed jinstab ħati li wettaq reat fl-24 ta' Awwissu 2011.

Is-sentenzi li kopja awentikata tagħhom li ġew prodotti fl-atti proċesswali u li bihom l-imputat ġie kundannat għal reat, ilkoll jirreferu għal reati li twettqu wara u mhux qabel il-kommissjoni tad-delitt ta' kompliċita' fil-ħruq volontarju li seħħ fl-24 ta' Awwissu 2011, għajr għas-sentenza tad-29 ta' Mejju 2008 minn din il-Qorti diversament preseduta (Dok. SCT5).

Il-Qorti tqis li din hi prova sufficjenti li l-imputat huwa reċidiv għall-fini tal-artikolu 49 tal-Kodiċi Kriminali għaliex qed jinstab ħati ta' reat wara li kien diġa' ġie kkundannat għal reat b'sentenza oħra li għaddiet f'ġudikat.

Qed jiġi mixli wkoll taħt l-artikolu 50 tal-Kodiċi Kriminali li jipprovdi hekk:-

*Meta persuna kkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt.*

[32] Dok. SCT4.

Minn eżami tas-sentenzi esebiti fl-atti mill-Prosekuzzjoni, ma jirrizultax li l-imputat kellu kundanni ta' priġunerija ta' izjed minn hames snin.  L-itwal piena ta' prigunerija jirrizulta li hija proprju dik tal-11 ta' Novembru 2016 ta' sentejn priġunerija sospiża għal erba' snin.  Madankollu, il-provi juru li d-delitt li dwaru l-imputat qed jinstab ħati llum bħala kompliċi, ċioe' d-delitt taħt l-artikolu 316(a) tal-Kap. 9, ġie kommess fl-24 ta' Awwissu 2011.  Dan ifisser li biex jista' jitqies bħala reċidiv għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9, irid jiġi ppruvat li l-imputat wettaq dan id-delitt b'kompliċita' meta ma kienux għaddew iktar minn ħames snin mid-data li fiha skonta piena oħra fuq sejbien ta' ħtija għal delitt ieħor.

Is-sentenzi li kopja awentikata tagħhom li ġew prodotti fl-atti proċesswali u li bihom l-imputat instab ħati ta' delitt, ilkoll jirreferu għal delitti li twettqu wara u mhux qabel il-kommissjoni tad-delitt ta' kompliċita' fil-ħruq volontarju li seħħ fl-24 ta' Awwissu 2011, għajr għas-sentenza tad-29 ta' Mejju 2008 minn din il-Qorti diversament preseduta (Dok. SCT5).  Il-kundanna f'din is-sentenza kienet għal delitt[33] għaliex l-imputat odjern ġie hemmhekk ikkundannat multa kif ukoll priġunerija.  Mill-*fine report* (Dok. SCT6) jirriżulta li l-multa ġiet imħallsa dakinhar stess fid-29 ta' Mejju 2008 filwaqt li s-sentenza ġiet skontata fid-29 ta' Mejju 2010.  Dan ifisser li ma kienux għaddew ħames snin minn meta ġiet skontata din il-piena, sakemm fl-24 ta' Awwissu 2011 l-imputat aġixxa b'kompliċita' fid-delitt li dwaru qed jinstab ħati llum.

Għalhekk, l-imputat sejjer jitqies ukoll bħala reċidiv għall-fini tal-artikolu 50 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Illi għall-fini tal-piena il-Qorti kkunsidrat illi l-imputat instab ħati diversi drabi ta' delitti u ġie kkundannat diversi drabi għal piena ta' priġunerija, sinjal li dak iż-żmien kien jgħix ħajja ta' kriminalita'.  Ma nġiebet ebda prova li huwa rriforma ruħu u għalkemm kien appella mill-piena karċerarja li ġiet erogata bis-sentenza tat-23 ta'

[33] Ara art. 7, Kap. 9.

Ottubru 2017 bl-aggravju li huwa kien għeleb il-vizzju tad-droga li kien maħkum minnu għall-ħabta tas-sena 2012, din il-piena ġiet affermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali għaliex irriżulta li fiż-żmien meta ġie kkundannat huwa kien għadu qed jabbuża mid-droga u qatt ma wera interess li jegħleb dan il-vizzju. Id-difiża ma ressqet ebda prova kuntrarja llum quddiem din il-Qorti u fi kwalsiasi każ, il-pieni applikabbli għar-reat taħt l-artikolu 316 tal-Kap. 9 ma jagħtu ebda diskrezzjoni lill-Qorti biex teroga sanzjoni fil-komunita' taħt il-Kap. 446 jew tagħti ordni taħt l-artikoliu 28A tal-Kap. 9. Għalhekk il-piena ma tistax ma tkunx waħda karċerarja effettiva

**Għal dawn il-motivi kollha, filwaqt li ma ssibx lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-Artikoli 42(a)(b)(c)(d)(e), 43 49, 50 u 316(a) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qiegħda ssib lil KEITH CAMILLERI ħati tad-delitt addebitat fl-ewwel imputazzjoni kif ukoll ħati tal-addebitu tar-reċidiva u tikkundannah sitt (6) snin u sitt (6) xhur priġunerija effettiva.**

**Billi jirriżulta illi Martin Marco Baldacchino diġa' ġie kundannat iħallas l-ispejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti għall-fini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-14 ta' Diċembru 2016 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Martin Marco Baldacchino[34] kif konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tas-26 ta' Mejju 2021[35], m'hijiex serja tapplika, fiċ-ċirkostanzi, id-dispożizzjonijiet tal-artiklu 533 tal-Kapitolu 9 fil-konfront tal-ħati odjern.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, qieghda tikkundanna wkoll lill-ħati, KEITH CAMILLERI sabiex iħallas lil Saviour Falzon is-somma ta' elf u sitt mitt Euro (€1,600) ossia l-ispejjeż tat-tiswija tal-ħsarat subiti b'riżultat tal-kommissjoni tar-reat li dwaru qed jinstab ħati, in**

---

[34] Dok. ML2.
[35] Dok. ML1.

**linea ta' kumpens għat-telf soffert, liema ħlas għandu jsir sa mhux iktar tard minn sitt (6) xhur. Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Il-Qorti tordna wkoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-ħati għall-protezzjoni tas-sigurta' ta' Saviour Falzon, Mary Falzon u George Falzon għall-fini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien tliet (3) snin, liema żmien għandu jibda jiddekorri mid-data li tiġi skontata l-piena ta' priġunerija.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**